MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 373/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Bonnici**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kontra Mark Bonnici talli, ghan-nom u in rappresentanza ta' Digital Security Company Ltd. u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (2) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut, li saru

dovuti fil-perijodi ta’ taxxa li ntemmu fil-31 ta’ Mejju 2010 sal-31 ta’ Awissu 2010, u dan bi ksur tal-artikolu 27, artikolu 66, u artikolu 76 (c ) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Il-Qorti giet mitluba li, f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Mark Bonnici jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed sabiex jaghmel dan, liema zmien m’ghandux jeccedi tliet xhur, taht multa ta’ mhux inqas minn erba’ euro u hamsa u sittin centezmu u mhux iktar minn tlieta u ghoxrin euro ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Settembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 27, 66 u 76(c) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Mark Bonnici hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ seba’ mitt euro (€700.00). Inoltre, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 76 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ 1-1998 ordnat lill-istess Mark Bonnici sabiex fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax-il euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Mark Bonnici pprezentat fit-30 ta’ Settembru 2011 li permezz tieghu talbab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, ma ssibux hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’hekk tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet il-provi; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-appellant hu li f’dan il-kaz jezisti kemm in-nuqqas tal-*mens rea* kif ukoll in-nuqqas ta’ l-*actus reus*. Jispjega illi l-kumpanija in kwistjoni kienet ilha pratikament *dormant* ghal diversi snin u r-*returns*, hlief ghal xi eccezzjonijiet, kienu jkunu “NIL” *returns*. Minhabba f’hekk l-*accountant* tieghu, li jigi missieru, biex jigi skansat li

jimtlew u jintbaghtu dawn ir-*returns* kien, fil-formola li rcieva ghall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2010 sat-30 ta' Novembru 2010 emenda d-data ta' l-1 ta' Settembru 2010 u minflok nizzel id-data ta' l-1 ta' Marzu 2010 sabiex ir-*return* giet valida ghal perijodu ta' disa' xhur, u dan billi fit-tliet perijodi kollha r-*return* kien "NIL" b'eccezzjoni ta' €1.89. Ir-*return* kif emendat gie inizjalat, fejn saret l-emenda, mill-*accountant* tas-socjeta`. L-appellant jghid li l-ufficjali tad-Dipartiment tal-VAT kienu accettaw din id-denunzja bl-emenda li fiha billi qatt ma rritornawha lura lill-appellant, kif setghu facilment jaghmlu meta fil-formula stess hemm indikat specifikament "Denunzja b'dettalji nieqsa hija invalida u tintbaghat lura". La ma ntbaghtitx lura u *a contrario sensu* ma kinitx invalida, jghid l-appellant, kienet valida.

**6.** Issa, mid-Dok. CA3 esebit minn Connie Azzopardi, ir-rapprezentanta tal-Kummissarju tal-VAT, jirrizulta illi r-*return* ghall-perijodu 1 ta' Settembru 2010 sat-30 ta' Novembru 2010 kien, kif qal l-appellant, gie emendat billi fid-data "01/09/2010" minflok il-figuri "09" inkitbu l-figuri "03" u din l-emenda giet inizjalata. Irrizulta li xi hadd hassar il-figuri "03" u kiteb in-numru "9". Fuq il-formula hemm miktubin il-kliem "Denunzja b'dettalji nieqsa hija nvalida u tintbaghat lura". L-appellant fix-xiehda tieghu ikkonferma li dik il-formula qatt ma rcevewha lura u tant giet accettata illi sahansitra wara li ntbaghtet ircevew ir-*refund* ta' €1.89.

**7.** Mid-Dok. CA3 jirrizulta wkoll illi giet ricevuta fid-Dipartiment tal-VAT fl-24 ta' Frar 2011. Is-socjeta` li taghha l-appellant huwa direttur kellha tissottometti *return* (denunzja) ghal kull tliet xhur. Tali denunzji jridu jsiru ghal kull zmien ta' taxxa sa mhux aktar tard mill-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara x-xahar li matulu jintemm iz-zmien ta' taxxa relattiv (art. 27(1) tal-Kap. 406). L-appellant gie akkuzat li ma baghatx id-denunzji ghal zewg perijodi, dak mill-1 ta' Marzu 2010 sal-31 ta' Mejju 2010 u dak mill-1 ta' Gunju 2010 sal-31 ta' Awissu 2010. Difatti l-*letter to prosecute* nharget fil-5 ta' Novembru 2010. Huwa minnu li c-citazzjoni nharget fil-5 ta' Lulju 2011 meta allura l-appellant kien diga` ssottometta d-denunzja bid-data

mibdula sabiex tinkorpora l-perijodu kollu li dwaru kellu jissottometti denunzji. Izda jibqa’ l-fatt li meta ddahhlet id-denunzja fl-24 ta’ Frar 2011, anke kieku stess valida, ghall-perijodi msemmijin fic-citazzjoni kienet denunzja tardiva.

**8.** Id-difensur ta’ l-appellant irrefera ghal dik li jsejhilha konswetudini illi fejn persuna tkun ottemperat ruhha qabel ma tinstema’ l-kawza, il-kawza tigi rtirata mid-Dipartiment. Li ma garax hekk f’dan il-kaz, din il-Qorti ma ghandha l-ebda kontroll fuqu. Il-verita` hi li dan hu kaz fejn wiehed irid jaccetta li *dura lex sed lex*. L-appellant ma kienx ottempera ruhu mal-ligi fit-terminu preskritt mill-artikolu 27(1) tal-Kap. 406. Il-fatt li eventwalment ottempera ruhu jista’ biss iwassal lil din il-Qorti tirrevoka l-ordni li ghamlet l-ewwel Qorti biex l-appellant jikkonforma ruhu mal-ligi. Il-multa nflitta hi fil-minimu stabbilit u l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u l-Att dwar il-*Probation* ma japplikawx dwar xi sejbien ta’ htija taht il-Kap. 406 (art. 83(4) tal-Kap. 406).

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat lill-appellant biex fi zmien tliet xhur jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax-il euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------